MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 397/2004

**Attard & Co Limited**

**vs**

**Q Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mitt lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm900.18) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Marzu, 2004 ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta.**

**Ra li r-rappresentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mitt lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm900.18) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Frar, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------